Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,577, 9 ta' April, 2010

Taqsima B

A.L. 212 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija;

"l-Fakultà" tfisser il-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2008 'il quddiem.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) L-applikanti għall-Grad offrut mill-Fakultà għandhom ikollhom wieħed minn dawn il-gradi:

(a) grad ta' Master, normalment offrut minn din l-Università jew minn università oħra, f'qasam ta' studju rilevanti għal dak li l-applikanti applikaw għalih, miksub wara li temmew il-kwalifika tal-ewwel ċiklu;

(b) il-grad ta' Doctor of Medicine and Surgery, miksub fl-ewwel sessjoni tal-eżamijiet mill-anqas bi Grad B f'suġġett relatat mal-qasam tar-riċerka propost;

(ċ) grad ta' Bachelor of Pharmacy (Honours) miksub mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri (Ta' Fuq);

(d) grad ta' Bachelor (Honours) fi xjenza tas-saħħa miksub mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri (Ta' Fuq); jew

(e) kwalifiki li l-Bord iqis komparabbli mal-gradi ndikati fis-sottoparagrafi (a) sa (d).

(2) L-applikanti li għandhom il-grad indikat:

(a) fis-sottoparagrafu (b) tal-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament normalment ikunu meħtieġa li jtemmu b'suċċess numru ta' taqsimiet studju fil-Metodoloġija tar-Riċerka, taħt dawk il-kundizzjonijiet li s-Senat, fuq il-parir tal-Bord, jista' jimponi; u

(b) fis-sottoparagrafi (ċ) sa (e) ikunu temmew b'suċċess dissertazzjoni sostanzjali / komponent ta' riċerka li għalihom hemm assenjati mhux anqas minn 15-il kredtu ECTS.

4. L-applikanti jistgħu jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni, flimkien ma' proposta ta' riċerka komprensiva li tiddeskrivi l-proġett propost, inklużi s-sorsi u l-materjali tar-riċerka, fi kwalunkwe żmien tas-sena.

Il-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat

5. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat li jinħatar Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat, li għandu jkun magħruf bħala l-Postgraduate Degree Adjudicating Committee (PGDAC), li jkun magħmul kif ġej:

Id-Dekan tal-Fakultà (*chairman*) jew delegat
3 - 4 membri tal-Fakultà, li għandhom kwalifiki tad-dottorat akkademiċi.

Is-Superviżjoni u l-Progress tal-Istudenti

6. Is-Superviżuri Prinċipali huma meħtieġa jissottomettu rapport bil-miktub lill-Bord, permezz tal-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat, kull sena għall-istudenti kollha taħt is-superviżjoni tagħhom.

7. L-istudenti għandhom jitħallew ikomplu bl-istudji tagħhom biss jekk ir-rapporti tas-Superviżur Prinċipali juru li qed jagħmlu progress sodisfaċenti. Jekk ir-rapport ikun negattiv, il-Bord għandu jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lis-Senat dwar il-kontinwazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-istudent għall-Grad.

8. Qabel ma jkun permess it-trasferiment minn M.Phil. għall-grad ta' Ph.D., l-istudenti huma meħtieġa jissottomettu rapport dwar ix-xogħol ta' riċerka tagħhom għall-konsiderazzjoni ta' bord *ad hoc*. Il-bord *ad hoc* għandu jkun maħtur mill-Bord fuq il-parir tal-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat.

9. L-istudenti reġistrati mal-Fakultà jistgħu jiġu mitluba jipparteċipaw fil-programmi ta' riċerka u ta' tagħlim tal-Fakultà.

Il-Preżentazzjoni u l-Format tat-Teżi

10. Sitt xhur qabel iż-żmien meta għandha ssir is-sottomissjoni l-istudenti għandhom ikunu nfurmati li huma għandhom jinfurmaw lill-Fakultà li se jissottomettu t-teżi tagħhom għall-eżami mhux anqas minn tliet xhur qabel iż-żmien meta għandha ssir is-sottomissjoni.

11. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat il-ħatra tal-Bord tal-Eżaminaturi skont ir-Regolamenti Prinċipali.

12. L-istudenti jkunu meħtieġa li jiddefendu t-teżi tagħhom b'mod orali. Huma jkunu mistennija li jagħmlu preżentazzjoni ta' madwar 20 sa 30 minuta dwar is-sejbiet ewlenin tar-riċerka tagħhom u wara jwieġbu għall-mistoqsijiet magħmula mill-membri tal-Bord tal-Eżaminaturi. Iċ-Chairman tal-Bord għandu jiżgura li l-istudent ikun jaf bil-proċedura li se tintuża matul l-eżami orali.

13. Il-Bord għandu japprova u jippubblika l-linji gwida dwar il-format u l-preżentazzjoni tat-teżi għall-Grad.

14. (1) L-Istudenti jkunu meħtieġa jissottomettu kopja mingħajr legatura tat-teżi tagħhom għal kull membru tal-Bord tal-Eżaminaturi, flimkien ma' kopja f'format diġitali. L-uffiċjal inkarigat mill-Fakultà għandu joħroġ riċevuta datata.

(2) L-istudenti jistgħu jippubblikaw it-teżi kollha jew parti minnha qabel ma jissottomettuha għall-eżami. Ix-xogħol ippubblikat jista' jiġi inkluż aktar tard fit-teżi sottomessa għall-eżami, sakemm li dikjarazzjoni dwar dan tkun inkluża.

(3) Meta jtemmu b'suċċess l-istudji tagħhom, l-istudenti għandhom jissottomettu lill-Fakultà, tlett kopji tat-teżi b'legatura iebsa flimkien ma' kopja f'format diġitali fi żmien sitt ġimgħat mill-pubblikazzjoni tar-riżultat tagħhom. Kopja waħda tat-teżi għandha tinżamm fil-Librerija tad-dipartiment u kopja oħra fil-Librerija tal-Università. L-istudenti li ma jikkonformawx ma' dan l-ordinament ma jingħatawx il-Grad.

It-Tħassir

15. L-Ordinamenti tal-1992 għall-grad ta' Master of Philosophy – M.Phil. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija, ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 112 tal-1992 u l-Ordinamenti tal-1998 għall-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija, ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 246 tal-1998 għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2008, iżda l-istudenti rreġistrati għal dawn il-gradi qabel l-1 ta' Ottubru 2008 għandhom ikomplu jkunu regolati mir-regolamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta rreġistraw għall-grad.